**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija llum, l-ewwel (1) ta' Lulju 2025

Kawża Nru 598/2022

**Il-Pulizija**

***(Supretendent Bernard Charles Spiteri)***

**Vs**

**Joseph Hili**

## A. Preliminari

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Joseph Hili**, iben John u Genoveffa nee' Vella, imwieled ix-Xewkija, Għawdex fit-tmienja (8) ta' Jannar 1966,

residenti ġewwa St. Joseph, Flat 1, Triq San Ġużepp, Xagħra, Għawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 1266(G) talli nhar is-sitta (6) ta' Diċembru 2022 għall-ħabta tal-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar (16:30pm), fiż-żona magħrufa 'Tal-Barmil' fil-limiti tax-Xewkija, Għawdex:

(1) ħebb għal Justin Galea sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmillu ħsara b'xi mod;[1]

(2) insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Justin Galea;[2]

(3) ħebb għal Justin Galea u kkaġunalu feriti ta' natura ħafifa skont kif ġie ċċertifikat minn Dr Anora Khan MD Reg. 4522 mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.[3]

F'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Justin Galea u dan ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar id-dsatax (19) ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni, lill-Parte Civile u lid-Difiża jiddikjaraw fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Marzu 2024 li huma kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti milli terġa' tisma' mill-ġdid ix-xhieda li kienu ġew prodotti sa

[1] Artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[3] Artikolu 221(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

dakinhar kif wkoll milli jiġu sottomessi mill-ġdid d-dokumenti preżentati sa dak l-istadju;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment u d-dokumenti esebiti;

Rat ix-xhieda kollha miġbura quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni quddiem din il-Qorti;

Semgħet lill-akkużat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju;

Rat ix-xhieda u l-provi miġbura fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Justin Galea*** (Kumpilazzjoni Numru 57/2022) liema kawża nstemgħet kontestwalment mal-kawża odjerna u liema xhieda u provi l-partijiet qablu li jgħoddu wkoll għal din il-kawża;[4]

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawża kienet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**B. <u>Fatti tal-Kawża</u>**

Fil-qosor il-fatti tal-każ huma s-segwenti:

[4] Ara verbal tas-seduta tal-ħdax (11) ta' Mejju 2023, fol. 57 tal-proċess.

Fis-sitta (6) ta' Diċembru 2022, Joseph Hili rrapporta fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex li aktar kmieni f'dik il-ġurnata waqt li kien qed jonsob fiż-żona magħrufa bħala 'Tal-Barmil' fix-Xewkija, Għawdex, kien involut f' argument ma' Justin Galea u kien safa aggredit minnu. Din l-aggressjoni seħħet fil-presenza ta' Herman Hili, iben Joseph Hili. Joseph Hili spjega kif Justin Galea kien tefa' ġebla fid-direzzjoni tiegħu, laqtu f'rasu bil-konsegwenza li Joseph Hili kellu jmur l-Isptar għax beda ħiereġ ħafna demm u intefħitlu għajnejh. Meta mar l-Isptar, huwa ġie ċertifikat li kien soffra minn ġrieħi ta' natura gravi.

In segwitu għal dan ir-rapport, il-Pulizija għamlu kuntatt ma' Justin Galea u talbuh jmur l-Għassa biex jiġi mitkellem dwar dan il-każ. Fil-verżjoni li Justin Galea għażel li jagħti lill-Pulizija wara li huwa ingħata d-drittijiet legali tiegħu, Justin Galea spjega li dakinhar tal-inċident huwa kien mar fl-għalqa tal-ħabib tiegħu u ċempel lil Joseph Hili. Dan peress li dan Hili kien qed jagħmel użu minn għajjat għall-bird callers li kienu propjeta tiegħu. Galea spjega li fuq il-linja sema lil Herman Hili jgħajjat u jargumenta b'reazzjoni għat-telefonata li Galea kien għamel lil missier Herman. In segwitu tat-telefonata, Joseph u Herman Hili marru fejn l-għalqa tal-ħabib ta' Galea li tinsab erba' għelieqi l-isfel, u hemmhekk l-argument bejn il-partijiet kompla jeskala.

Fl-istess stqarrija, Galea qal li Joseph Hili aggredih b'daqqa ta' ponn u laqtu f'għajnejh. Galea spjega li rreaġixxa billi resaq lura u wissa lil Joseph Hili biex ma jerfax idejh, iżda Joseph Hili tah daqqtejn oħra u laqtu ġo geddumu u bi żbrixx ġo għajnejh tax-xellug. B'reazzjoni għal dan, Galea qabad ġebla minn fuq ħajt u tefagħha lejn Joseph Hili. Galea kompla

jispjega li ra lil Joseph Hili bid-demm u li Herman Hili wkoll tefa' ġebla fid-direzzjoni tiegħu iżda ma laqtux. Galea kompla jgħid li wara l-inċident, Joseph Hili telaq minn fuq il-post u Herman Hili hedded lill-akkużat li kien ser joqtlu ġod-dura. Galea stqarr li kien sejjer jagħmel rapport iżda twaqqaf minn sħabu milli jagħmel dan.

In segwitu għal dak li stqarr Justin Galea, il-Pulizija reġgħu bagħtu għal Joseph Hili u Herman Hili. It-tnejn ġew mogħtija d-drittijiet tagħhom u t-tnejn għażlu li jikkonsultaw mal-Avukat tal-fiduċja tagħhom. Meta Joseph Hili ġie mistoqsi jekk qabel ma' Galea tefagħlu l-ġebla, huwa kienx fajjarlu jew tah xi daqqiet ta' ponn, Joseph Hili ċaħad li kien tah xi daqqiet peress li kien hemm ħajt bejniethom. Joseph Hili ċaħad wkoll li kien hedded lil Galea iżda stqarr li t-tnejn li huma kienu għajru lil xulxin.

Herman Hili min-naħa tiegħu ċaħad li kien tefa' xi ġebla fid-direzzjoni ta' Justin Galea u ċaħad wkoll li kien hedded lill-istess Galea.

Eventwalment it-tlett (3) partijiet tressqu l-Qorti sabiex kull wieħed minnhom iwieġeb għall-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu.

## C. <u>Sinteżi tal-Provi Miġbura</u>

Ikkunsidrat;

**<u>L-Ispettur (illum Supretendent) Bernard Charles Spiteri</u>**[5] spjega li fis-sitta (6) ta' Diċembru għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija (18:00hrs), huwa kien

[5] Fol. 59 –60 tal-proċess.

ġie infurmat minn PS 820 Jonathan Vella li Joseph Hili kien irrapporta li kien safa aggredit minn Justin Galea u li kien ġie ċertifikat li soffra ġrieħi ta' natura gravi. Is-Surġent infurmah li Joseph Hili kien qiegħed fil-mansab fil-limiti 'Tal-Barmil', fl-inħawi tax-Xewkija, Għawdex, fejn ukoll kien hemm preżenti Justin Galea, li kellu mansab fil-viċin. Fil-passat Joseph Hili u Justin Galea kienu ħbieb u anke' kienu jonsbu flimkien.

Ix-xhud spjega li s-Surġent qallu li kien inqala' argument bejn Joseph Hili u l-Justin Galea, li eskala f'aggressjoni vjolenti b' Galea jħebb għal Joseph Hili u jikkaġunalu ġrieħi. Fid-dawl ta' dawn il-ġrieħi, ix-xhud kien ordna l-arrest ta' Justin Galea. Dan imbagħad kien tressaq b'arrest l-għada filgħodu quddiem il-Maġistrat tal-Għassa.

Ix-xhud kompla jispjega li l-verżjoni ta' Justin Galea ttieħdet minn PS 820 wara li ngħata d-drittijiet legali tiegħu. Ix-xhud qal li fil-verżjoni tiegħu, Galea qal li l-parti l-oħra kien tefagħlu ġebla iżda ma laqtux.

**__Dr. Kenneth Falzon__**[6] xehed li hu kien eżamina lil Joseph Hili fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Qal li l-ġrieħi subiti mill-pazjent kienu ta' natura gravi għax il-qatgħa li kellu fuq in-naħa ta' fuq tax-xagħar tal-għajn tan-naħa tax-xellug kellha ċans tajjeb li tikkawża ċikatriċi. Ix-xhud ikkonferma l-kontenut taċ-ċertifikat mediku rilaxxat minnu.

**__In kontro-eżami__**, ix-xhud ġie mitlub sabiex jeżamina *seduta stante* lil Joseph Hili u dan sabiex jikkonstata jekk il-laċerazzjoni kinitx għada tidher sa dakinhar. Ix-xhud spjega li minn dak li ra, Joseph Hili għad għandu

[6] Fol. 63 – 64 tal-proċess.

ċikatriċi fuq wiċċu fejn qabel kien hemm il-ġrieħi. Kompla jgħid pero li l-ferita kienet tidher li fieqet tajjeb.

**<u>PS 820 Jonathan Vella</u>**[7] spjega li fis-sitta (6) ta' Diċembru 2022 għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija (18:00hrs), Joseph Hili akkumpanjat minn ibnu Herman Hili kienu rraportaw ġewwa l-Għassa tar-Rabat Għawdex li Justin Galea kien tefa' ġebla mdaqqsa fid-direzzjoni ta' Joseph Hili u kienu laqtu f'rasu, bil-konsegwenza li Joseph Hili intefħitlu għajnu u kellu jirrikorri għall-assistenza medika fejn ġie ċċertifikat li kien sofra min ġrieħi gravi. Qabel ma kompla jagħti l-verżjoni tiegħu, ix-xhud tah id-drittijiet tiegħu u Joseph Hili għażel li jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu.

Ix-xhud kompla jispjega li aktar tard, il-Pulizija kienu marru fiż-żona tal-inċident, magħrufa bħala 'Tal-Barmil', iżda ma sabu lil ħadd. Ix-xhud qal li l-Pulizija kienet marret wkoll fir-residenza ta' Justin Galea iżda ma sabuhx hemm. Il-Pulizija sussegwentement ġew infurmati li Justin Galea kien qiegħed fuq il-lant tax-xogħol. Galea kien ingħadda l-messaġġ sabiex huwa jirrikorri ġewwa l-Għassa tar-Rabat, Għawdex sabiex jiġi mitkellem.

Ix-xhud spjega li Galea mar l-Għassa tal-Pulizija fis-sebgħa u nofs u ħamsa ta' filgħaxija (19:35hrs). Wara li Galea ngħata d-drittijiet tiegħu u rrinunzja għalihom, huwa ta l-verżjoni tiegħu ta' dak li kien seħħ. Ix-xhud żied jgħid li Galea kien spjegalu li hu mar fl-għalqa għall-ħames minuti u ċempel lil Joseph Hili bil-kelma t-tajba dwar l-użu tal-*bird callers*. Huwa spjega li Galea qallu li sema lil Herman Hili jgħajjat u jargumenta. Kompla jgħid li wara t-telefonata, Joseph Hili u ibnu marru viċin l-għalqa tal-ħabib tiegħu

[7] Fol. 65 – 68 tal-proċess. Ara affidavit wkoll a fol. 11 sa 15 tal-proċess.

fejn kien jinsab Galea li tinsab erba' għelieqi 'l isfel, u qam argument bejniethom.

Ix-xhud qal ukoll li Galea infurmah li Joseph Hili xejjer daqqa ta' ponn lil Galea u laqtu f'għajnejh. B'reazzjoni ta' dan, Galea stqarr max-xhud li hu resaq lura u qal lil Joseph Hili biex ma jerfax idejh, pero' dan tah daqqa oħra u laqtu bi żbrixx f'għajnejh tax-xellug u mat-tielet daqqa laqtu ġo geddumu. Dak il-ħin Galea qabad ġebla minn fuq il-ħajt u tefagħha lejn Joseph Hili. Ix-xhud kompla jgħid li Galea qallu li ra lil Joseph Hili bid-demm u fil-pront, Herman Hili qabad ġebla u tefagħha lejn Galea iżda ma laqtux. Ix-xhud qal ukoll li Galea qallu li hu u ħiereġ 'l barra, Herman Hili qal lil Galea li kien ser joqtlu ġod-dura. Galea kien sejjer jagħmel rapport, iżda twaqqaf minn sħabu.

Ix-xhud spjega li nforma lill-Ispettur (illum Supretendent) Bernard Charles Spiteri dwar ir-rapport fejn dan tal-aħħar ordna l-arrest ta' Justin Galea u ngħata d-drittijiet legali tiegħu bil-miktub. Peress li Galea qal li laqqat xi daqqtejn, ix-xhud spjega li Galea ttieħed l-isptar fejn Dr. Nora Khan, M.D. Reg. No. 4522 iċċertifikat li Justin Galea kien sofra ġrieħi ħfief.

Ix-xhud spjega li l-Pulizija bagħtet għal Herman Hili sabiex jippreżenta s-snieter li kellu għas-*safe keeping* u anke' ittieħdet il-verżjoni tiegħu. Hili kien akkumpanjat mill-avukat tal-fiduċja tiegħu Dr. Joseph Grech. Wara li ngħata d-drittijiet tiegħu, huwa ġie mistoqsi jekk tefax xi ġebla jew hedded lil Justin Galea, iżda Herman Hili ċaħad dan. Ix-xhud spjega wkoll li l-Pulizija reġgħet bagħtet wkoll għal Joseph Hili li wkoll kien ġie akkumpanjat minn

Dr. Joseph Grech. Wara li ngħata d-drittijiet tiegħu, Joseph Hili ċaħad li tefa' ġebla, fajjar daqqa ta' ponn jew hedded lil Galea.

**In kontro-eżami**, ix-xhud ikkonferma li fil-ħin tal-inċident kien hemm tlett (3) persuni, inkluż persuna oħra mhux magħrufa li ħdejh kien mar Galea. Il-Pulizija pero ma kienx rnexxilhom jidentifikaw min kienet din il-persuna.

**Miriam Curmi**,[8] ir-rappreżentanta ta' Go plc xehdet li fis-sitta (6) ta' Diċembru 2022, saret telefonata minn fuq in-numru 79364582 reġistrat f'isem Justin Galea għal fuq in-numru 79710311.

**Joseph Bugeja**,[9] xehed li huwa għandu propjeta fl-inħawi magħrufa bħala "Tal-Barmil" fil-limiti tax-Xewkija, Għawdex. Spjega li dakinhar li seħħ l-inċident, Justin Galea kien mar fejnu waqt il-ħin tal-break. Waqt li kienu qegħdin fejn xulxin, Galea ċempel lil Joseph Hili peress li dan tal-aħħar kien qed juża għajjat ta' għasafar li kien propjeta ta' Justin Galea. L-argument bejniethom kiber u x-xhud seta' anke jisma' l-għajjat minn fuq il-mobile ta' Galea. Ix-xhud kompla jgħid li Joseph u Herman Hili, li kienu xi ħamest għelieqi aktar 'l isfel, bdew mexjin fid-direzzjoni ta' fejn kienu jinsabu huma. Waqt li Herman Hili kien għadu miexi fid-direzzjoni tal-kamra fejn kienu qegħdin, Joseph Bugeja beda jgħid lil Herman biex jieqaf għax hu ma riedx jidħol fi kwistjonijiet. Kompla jistqarr li seta' jara li l-affari kienet saħnet sew għaliex Joseph u Herman Hili kienu jidhru li kienu sejrin hemm għall-ġlied.

[8] Fol. 29 et seq tal-proċess.
[9] Fol. 34 – 39 tal-proċess.

Ix-xhud spjega li Joseph u Herman Hili waslu sal-ħajt li jdawwar il-kamra fejn kienu qegħdin hu u Galea. L-argument bejn Hili u Galea kompla jeskala u imbagħad Hili bdew jippruvaw jitilgħu l-ħajt. Bugeja beda jimbottahom. Sa x'ħin jimbotta lil wieħed, l-ieħor kien jerġa jitlagħlu mal-ħajt. F'punt minnhom Joseph Hili fajjar tlett daqqiet u bit-tielet waħda laqat sew lil Galea. Immedjatament Galea, sab ġebla fuq iċ-ċint u fajjarha fid-direzzjoni ta' Joseph Hili. Wara d-daqqa ta' ġebla Joseph u Herman Hili komplew jargumentaw u bdew sejrin lura minn fejn kienu ġew. Huma u sejrin Herman Hili indirizza kliem fid-direzzjoni ta' Justin Galea fejn qallu li kien sejjer ipattihielu u li kien se joqtlu ġod-dura. Joseph u Herman Hili waslu fejn il-kamra tagħhom. Herman Hili ħareġ arma tal-kaċċa mill-kamra tiegħu u spara żewġ tiri għall-ajru.

**<u>Dr. Michael Refalo</u>**[10], rappreżentant tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, xehed li huwa kien intalab jippreżenta dettalji li juru li Joseph Hili kien ġie rikoverat l-isptar bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' Diċembru. Ix-xhud spjega li hu ma kienx eżamina lil Joseph Hili, pero' fid-*discharge letter* kien hemm indikat li Joseph Hili ntlaqat minn ġebla fuq in-naħa tax-xellug ta' nasu ġurnata qabel u li kienu wkoll sarulu xi punti fl-emerġenza. Dawn il-punti kellhom jitneħħew wara sebat ijiem.

Ix-xhud spjega wkoll li Joseph Hili kien daħal l-emerġenza fis-sitta (6) ta' Diċembru u fis-sebgħa (7) ta' Diċembru, kien reġa' mar l-isptar fejn ġie eżaminat minn Dr. Julian Portelli fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Joseph Hili nżamm għall-osservazzjoni fis-sala tal-irġiel sal-għada. Ġie spjegat

[10] Fol. 75 – 76 ta' dan il-proċess. Fol 63 – 67 tal-proċess Il-Pulizija vs Justin Galea (Każ Numru 57/2022).

ukoll li l-pazjent kien ġie nviżtat minn tobba oħra, inkluż it-tabiba tal-għajnejn Dr. Maria Agius u tabib ieħor tal-għajnejn.

Il-ġrieħi sofferti minn Joseph Hili kienu konsistenti f'*left frontal subdural hematoma*, ksur fis-sinuses fuq in-naħa tax-xellug u kellu *internal bleeding* ġo rasu fuq in-naħa tax-xellug u fuq in-naħa ta' quddiem.

**Dr. Maria Agius**[11] xehdet li Joseph Hili kien ġie eżaminat fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fl-għaxra (10) ta' Diċembru 2022 minn Dr. Tom Heaton, *trainee opthalmologist* taħt is-superviżjoni tagħha. Qalet li l-pazjent kien qed jilmenta li għajnejh ix-xellugija kienet qed iddemma' u kien qed jesperjenza uġigħ madwar għajnejh. Ix-xhud spjegat li waqt l-eżaminazzjoni, ma nstab li kellu xejn, għajr tbenġila madwar l-għajn. Spjegat li Joseph Hili kellu wkoll ftit katarretti, li pero' kienu estraneji għall-każ odjern.

Ix-xhud kompliet tgħid li l-pazjent ingħata struzzjonijiet sabiex jattendi għall-*follow-up*. Meta ġie eżaminat mix-xhud fil-ħmistax (15) ta' Frar 2023, irriżulta li ma kienx hemm ħsara interna fl-għajn u għalhekk ġie rilaxxat minn kull kura marbuta mat-trawma li kien ġarrab.

**Dr. Anora Khan**[12] xehdet li fis-sitta (6) ta' Diċembru 2022 hija kienet eżaminat lil Justin Galea, li kien qed jilmenta minn uġigħ fuq in-naħa tal-lemin ta' wiċċu u fuq ix-xedaq. Wara l-eżami mediku, ix-xhud ikkonstatat li l-ġrieħi sofferti minn Justin Galea kienu ta' natura ħafifa.

[11] Fol. 82 – 84 tal-proċess.
[12] Fol. 88 tal-proċess.

**Mr. Alec Sultana**[13] ġie nominat mill-Qorti bħala espert mediku sabiex jikkonstata n-natura tal-ġrieħi sofferti minn Joseph Hili. Ix-xhud spjega li wara li eżamina lil Joseph Hili seta' jikkonkludi li l-ġrieħi li kellu kienu serji għal żewġ raġunijiet: kienet teżisti ċikatriċi permanenti fuq rasu fejn intlaqat u l-vittma kien għadu jsoffri minn uġigħ ta' ras kultant żmien, bħala komplikazzjoni tal-ġrieħi li ġarrab. Ix-xhud spjega li Hili kien soffra wkoll minn ksur (*open fracture*) taħt il-ferita' u kien hemm riskju kbir ta' infezzjoni u *bleeding* fil-moħħ taħt il-ksur. Dawn il-fatturi wkoll jikkonfermaw il-gravita tal-ġrieħi li huwa kien ġarrab.

Ix-xhud ikkonferma li ċ-ċikatriċi li għandu Joseph Hili hi permanenti, pero' mhix viżibbli mill-bogħod, iżda hi konspikwa minn distanza ta' madwar tnejn u tlett metri (*talking distance*).

**In kontro-eżami**, ix-xhud ikkonferma li l-ġrieħi li ġarrab Joseph Hili skont il-klassifikazzjoni legali, huma gravi iżda mhux gravissimi, u li Hili qatt ma kien fil-periklu tal-mewt.

**Dr. Julian Portelli**[14] xehed li fis-sebgħa (7) ta' Diċembru 2022, hu kien eżamina lil Joseph Hili fl-Emerġenza tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Spjega li Hili kien laqqat daqqa fuq rasu l-ġurnata ta' qabel u kawża ta' dan kellu tbenġila fuq in-naħa tax-xellug ta' quddiem tar-ras. Ix-xhud kompla jgħid li Hili kien *alert* u konxju, iżda wara li ħadulu CT scan tar-ras irriżulta li kien qed isofri minn *left frontal subdural hematoma* pero' ma kienx

[13] Fol. 93 – 94 tal-proċess.
[14] Fol. 103 – 105 tal-proċess.

hemm *shift* ġewwa r-ras. Ix-xhud qal li dawn il-ġrieħi huma ta' natura gravi u kompatibbli mad-daqqa li laqqat. Spjega wkoll li ġrieħi bħal dawn tipikament idumu ġimgħat jew xhur biex ifiequ. Ix-xhud ikkonferma wkoll iċ-ċertifikat mediku maħruġ minnhu bil-ġurament.

**<u>In kontro-eżami</u>**, ix-xhud ikkonferma li t-tbenġila u l-uġigħ ta' ras żviluppaw l-għada tal-inċident u kienu konnessi mal-inċident.

**<u>Margaret De Battista</u>**[15] Assistent Reġistratur fil-Qorti ta' Għawdex esebiet sentenza fil-konfront ta' Justin Galea li ġiet deċiża nhar it-tmienja (8) ta' Marzu 2012, liema sentenza hi definittiva. Ix-xhud ikkonfermat li l-multi kollha li kellu Justin Galea ġew imħallsa.

**<u>Joseph Hili</u>**[16] spjega li dakinhar tal-inċident hu kien jonsob fl-għalqa tiegħu magħrufa bħala 'Tal-Barmil' fil-limiti tax-Xewkija, flimkien ma' ibnu Herman Hili. Hu spjega li rċieva telefonata mingħand Justin Galea u dan qallu "*għalfejn qed tuża l-għajjat tiegħi* [tal-bird callers]"? u beda jgħajjat, jidgħi u anke' insulentah bil-kliem "*m'intix raġel, u kemm int kiesaħ*". Ix-xhud spjega li ġo Għawdex hawn mitejn (200) nassab u kollha jużaw għajjat ta' għasafar komuni meta jkunu qed jonsbu għall-pluvieri. Ix-xhud kompla jgħid li hu qal lil ibnu biex imorru jitħaddtu ma' Joseph Bugeja, bħala sid l-għalqa ta' fejn Justin Galea kien jonsob. Ix-xhud spjega li Galea beda joffendih u jgħajjat miegħu, pero' Joseph Bugeja ma tkellimx.

---

[15] Fol. 120 tal-proċess.
[16] Fol. 128 – 139 tal-proċess.

Ix-xhud kompla jgħid li f'erbgħin (40) sena li ilhu jmur fl-għalqa, qatt ma kellu argument jew inċidenti ma' ħadd.

Ix-xhud spjega wkoll li waqt il-konfrontazzjoni u l-għajjat ta' Galea, Galea qabad ġebla li kienet fuq il-ħajt u xeħitha lejh, fejn laqtu fuq in-naħa tax-xellug ta' wiċċhu. Konsegwenza ta' din l-aggressjoni, ix-xhud qal li kellu bżonn għaxar (10) punti u sofra ksur fi tlett (3) għadmiet ta' wiċċu.

Ix-xhud żied jgħid li fil-ħin tal-argument, kemm Justin Galea kif ukoll Joseph Bugeja kienu wara l-ħajt, u x-xhud kien maġenb il-ħajt u ma setax ikun li laqat lil Galea bi tlett (3) daqqiet ta' ponn kif allega Galea, għax il-ħajt kien m'għola rasu. Meta ġie mistoqsi jekk il-ħajt għadux l-istess bħal dakinhar tal-inċident, ix-xhud qal li ma jafx jekk tbaxxiex minn dak iż-żmien 'l hawn.

Spjega wkoll li l-ġebla li laqtitu kienet tiżen madwar kilo jew ftit inqas u kawża tal-impatt storda naqra u beda jitlef ħafna demm, tant li ibnu ħadu l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Hemmhekk għamlulu l-punti, ħadulu l-X-Rays u ġie kkonfermat li sofra ksur fuq għajnu x-xellugija. Ix-xhud żied jgħid li hu kellhu jmur Malta għas-CT Scans u MRI.

**In kontro-eżami**, ix-xhud ikkonferma li meta ċempillu Justin Galea, dan kellmu bl-għajjat u dagħa. Meta ġie mistoqsi għala ħass il-bżonn li jmur ħdejn Justin Galea meta kien jaf li Galea nstema rrabjat fuq it-telefon, hu wieġeb li l-intenzjoni tiegħu kienet li jitkellem ma' sid l-għalqa. Ix-xhud ċaħad ukoll li aggredixxa lil Galea u qal li kien impossibbli jagħmel dan minħabba l-għoli tal-ħajt.

Meta saritlu referenza għax-xhieda ta’ sid l-għalqa, Joseph Bugeja, li allega li Joseph Hili kien ta daqqiet lil Galea, ix-xhud wieġeb li Bugeja qal ħafna affarijiet li ma kinux minnhom. Ix-xhud temm jgħid li għandu l-kameras ta’ sigurta’ installati fl-għalqa u dawn jintużaw għall-finijiet tal-insib, iżda l-filmati jitħassru wara xi jumejn.

Tul l-aċċess, **Joseph Hili**[17] spjega li hu ma setax jagħti bil-ponn lil Justin Galea għax hu twil daqs kemm hu għoli l-ħajt. Joseph Hili tenna li hu lanqas ma kien qabeż il-ħajt. Ix-xhud ikkonferma li dakinhar li sar l-aċċess, il-ħajt kien l-istess kif kien dakinhar tal-inċident. Ix-xhud temm jgħid li kien impossibbli li jixxabbat u fl-istess ħin jagħti bil-ponn.

**Herman Hili**[18] xehed li dakinhar tal-inċident hu kien jonsob għall-pluvieri fl-għalqa flimkien ma’ missieru Joseph Hili ġewwa Tal-Barmil, Ix-Xewkija. Ix-xhud spjega li missieru rċieva telefonata mingħand Justin Galea fejn qallu li qed jużaw l-għajjat tal-għasafar tiegħu u Galea nfexx f’tgħajjir u dagħa. Ix-xhud kompla jgħid li hu u missieru marru fl-għalqa ta’ maġenb l-għalqa ta’ Joseph Bugeja biex jaraw għalfejn Justin Galea kien qed jgħajjat magħhom u jgħajjarom. Spjega li r-raġuni għala marru hemmhekk kienet biex jitkellmu ma’ Joseph Bugeja bħala sid l-għalqa, u meta ġie mistoqsi jekk kinux jafu jekk Justin Galea kienx hemm, hu wieġeb li kien jaf għax kien ċempel lil missieru li qed jużaw l-għajjat tiegħu.

Ix-xhud kompla jgħid li Galea beda jargumenta magħhom u qabad ġebla mdaqqsa minn fuq il-ħajt u tefagħha lil Joseph Hili bil-konsegwenza li laqtu

[17] Fol. 181 – 182 tal-proċess.
[18] Fol. 168 – 173 tal-proċess.

fuq ix-xellug tal-wiċċ. Joseph Hili waqa' mal-art u ħariġlu ħafna demm. Ix-xhud ikkonferma li l-għoli tal-ħajt kien daqs it-tul ta' missieru. Il-ħajt kien għoli xi ħames (5) jew sitt (6) filati. Ix-xhud spjega li fil-ħin tal-argument, Justin Galea kien wara l-ħajt maġenb Joseph Bugeja, filwaqt li hu u missieru kienu mal-ħajt ġol-għalqa ta' barra.

**In kontro-eżami** meta ġie mistoqsi x'kienet ir-raġuni għaliex marru javviċinaw lil Justin Galea, ix-xhud wieġeb li hu u missieru riedu jkellmu lil Joseph Bugeja. Ix-xhud ikkonferma li dak li qal Joseph Bugeja fix-xhieda tiegħu li Joseph Hili ta' daqqiet lil Galea, ma kienx veritier. Ix-xhud ċaħad ukoll li hu tefa' ġebla lil Justin Galea u dan għax wara li waqa' missieru mal-art bid-daqqa, hu ġabar lil missieru minn mal-art u ħadu l-Isptar.

Ix-xhud temm li minn bejn l-għalqa tagħhom għall-għalqa ta' Joseph Bugeja kien hemm erba' (4) għelieqi.

Waqt l-aċċess, **Herman Hili**[19] xehed li hu fl-ebda ħin ma daħal ġewwa fejn kienu Galea u Bugeja u lanqas ta lil Galea.

**Justin Galea**[20] xehed li dakinhar tal-inċident, qabel mar għax-xogħol, mar għal ħames (5) minuti fl-għalqa tal-ħabib tiegħu Joseph Bugeja f' Tal-Barmil, fix-Xewkija. Ix-xhud spjega li hu għandu rabta mal-għalqa ta' sieħbu għax għandu l-liċenzja tal-insib fuq hemm. Ix-xhud kompla jgħid li dakinhar tal-inċident sema' l-*bird caller* ta' Joseph u Herman Hili li kien fih għajjat ta' għasafar li kien ħoloq hu stess, u li huwa għaraf bħala tiegħu.

[19] Fol. 182 tal-proċess.
[20] Fol. 145 – 163 tal-proċess.

Hu spjega li fil-passat kien jonsob flimkien ma' Joseph Hili, u Herman Hili kien ħadlu l-għajjat tal-għasafar mill-kompjuter. Ix-xhud kompla jgħid li hu ċempel lil Joseph Hili u talbu biex jitfi l-*bird caller* b'mod paċifiku. Waqt it-telefonata, ix-xhud sema lil Herman Hili jgħid fl-isfond "*għax nitla' għalik*".

Spjega li ftit wara, ra lil Joseph u Herman Hili telgħin għalih minn erba' għelieqi 'l isfel. Hu baqa' wara l-ħajt fl-għalqa ta' Joseph Bugeja u sostna li la hu u lanqas Joseph Bugeja ma pprovokawhom. Qal li Joseph u Herman Hili bdew jgħajjtu u jargumentaw miegħu, u f'daqqa waħda Joseph Hili ta' daqqa ta' ponn lix-xhud f'għajnu x-xellugija. Ix-xhud qal li rreaġixxa billi resaq lura sal-ħajt tal-kamra li kienet fl-għalqa fejn kien Galea, u wissa lil Joseph Hili biex ma jerfax idejh, iżda dan tah daqqtejn oħra – daqqa minnhom laqtitu bi żbrixx fuq in-naħa ta' fuq ta' imnieħru, u t-tielet daqqa laqtitu f'geddumu u kkawżatlu li jaqa' għal dahru u ġie mal-art mal-ħajt. Meta ġie mistoqsi mill-Qorti kellux spazju fejn jaqa' lura, ix-xhud wieġeb li kien hemm spazju ta' bejn tnejn u tlett piedi.

Ix-xhud kompli jgħid li wara li waqa', hu qam u qabad ġebla minn fuq il-ħajt u waddaba lejn Joseph Hili u laqtu f'wiċċu. Ix-xhud spjega li wara t-tielet daqqa, Joseph Hili kien ser jerġa' jagħtih u ħass il-bżonn li jiddefendi ruħu. Ix-xhud kompla jispjega li kif ra lil Joseph Hili bid-demm waqaf u ma kompliex iwaddab il-ġebel.

Ix-xhud qal ukoll li wara dan kollu, Herman Hili attakkah billi tefagħlu ġebla iżda ma laqtux. Wara dan l-inċident, Joseph u Herman Hili telqu fid-direzzjoni ta' fejn kienu ġew u x-xhud telaq ukoll bl-intendiment li jmur jagħmel rapport. Ix-xhud jgħid li madankollu, Herman Hili dar lejh u heddu

bil-kliem "*lilek illejla noqtlok ġod-dura*". Ix-xhud qal li huwa kien ser imur jagħmel rapport iżda sħabu gwidawh biex ma jmurx u dan sabiex jevita l-involviment tal-Pulizija.

Ix-xhud spjega wkoll li Joseph u Herman Hili għandhom kameras ta' sigurta' li huma pożizzjonati biex iħarsu lejn l-għelieqi kollha, u huma setgħu jipproduċu l-filmati bħala prova.

**<u>In kontro-eżami</u>** meta ġie mistoqsi dwar ir-relazzjoni tiegħu ma' Joseph u Herman Hili, ix-xhud qal li sa ġimgħatejn qabel l-inċident hu kien jitkellem ma' Joseph Hili, u anke' kien ċempillu. Ix-xhud spjega wkoll li dakinhar tal-inċident hu kien qed jonsob u l-għajjat tal-għasafar fil-*bird caller* ta' Hili rrikonoxxieh bħala tiegħu.

Ix-xhud ikkonferma li bejn l-għalqa fejn telgħu għalih Joseph u Herman Hili u fejn kien hu, kien hemm ħajt bil-wisa' ta' kantun u għoli bejn erba' u ħames filati. Bejn il-kamra u l-ħajt kien hemm spazju ta' żewġ piedi u nofs u tlieta. Ix-xhud kompla jgħid li Joseph Hili ixxabbat ma' serratizz oħxon u beda jtih bil-ponn.

Meta ġie mistoqsi kif seta' jiġi attakkat meta l-ħajt kien fih disa' (9) pulzieri u minn bejn il-ħajt u l-kamra kien hemm distanza ta' tlett (3) piedi, ix-xhud wieġeb li hu spiċċa mal-ħajt u bit-tielet daqqa li tah Joseph Hili f'geddumu, hu waqa' u x'ħin qam minn mal-ħajt resaq viċin u waddab ġebla.

Meta ġie mistoqsi jekk talabx lill-Pulizija biex jiġbru l-filmati mill-kameras ta' sigurta' li allegatament kien hemm fl-għalqa ta' Hili, ix-xhud wieġeb fin-

negattiv.  Finalment, ix-xhud ikkonferma li l-ħajt, il-kamra u d-dura għadhom fl-istess qagħda kif kienu dakinhar tal-inċident.  Ix-xhud temm li hu ilhu sentejn ma jmur l-għalqa u sa fejn jaf hu, kollox għadu l-istess kif kien fil-ġurnata tal-inċident.

Tul l-aċċess li inżamm, **Justin Galea**[21] irrakkonta li fl-erbgħa neqsin kwart ta' wara nofsinhar (15:45hrs) hu kien ċempel lil Joseph Hili biex jitfi l-*bird caller* li kien qed jinstema mill-għalqa fejn kien hu.  Ix-xhud kompla jgħid li minflok Joseph Hili tefa' il-*bird caller,* instema Herman Hili jgħid "*niġi għalik*" u x-xhud wieġeb "*għamel int! Jiena mhux ngħidlek bil-ġlied biex titfi*".  Ix-xhud żied jgħid li ra lil Joseph u Herman Hili ġejjin mill-għalqa tagħhom u telgħu għalih. Ix-xhud qal li l-ewwel tela' Joseph Hili imbagħad tela' warajh Herman Hili u Joseph Hili beda jargumenta u jxejjer il-ponn u baqa' sejjer b'din l-attitudni minkejja li x-xhud waqqfu biex ma jibqax jerfa' idejh.  Wara li qallu dan, ix-xhud laqqat żewġ daqqiet ta' ponn oħra mingħand Joseph Hili u waħda minnhom ma laqtitux bi żbrixx.

Matul il-konfrontazzjoni kollha, ix-xhud indika li hu baqa' wara il-ħajt u ma ċċaqlaqx minn hemm.  Ix-xhud kompla jgħid li wara d-daqqiet ta' ponn li qala', hu qabad ġebla li ma kinitx kbira u waddabha lil Joseph Hili hekk kif tela' għax dan beda jdaħħal saqajh mal-ħajt u jaqbad mal-kurrenta u jerfa' idu u jtih bil-ponn.  Ix-xhud żied jgħid li r-raġuni għax ma telaqx 'l hemm xħin beda jirċievi d-daqqiet ta' ponn kienet li Joseph Hili u ibnu setgħu jsibuh barra u kienu jkunu tnejn kontra wieħed.  Ix-xhud temm li barra minn hekk kien hemm dawra mal-kamra tal-għalqa ta' Joseph Bugeja, u Herman Hili kien anke' dar d-dawra u tela.

[21] Fol. 180 – 181 tal-proċess.

## D. <u>Kunsiderazzjonijiet dwar l-Imputazzjonijiet</u>

Ikkunsidrat;

Minn eżami tal-atti proċesswali, huwa ċar li din il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet ta' dak li allegatament seħħ. Min-naħa hemm ix-xhieda ta' Joseph u Herman Hili li qalu li Justin Galea qabad u tefa' l-ġebla fid-direzzjoni ta' Joseph Hili u min-naħa l-oħra hemm il-verżjoni ta' Justin Galea li sostna li huwa kien ġie aggredit minn Joseph Hili u b'ritaljazzjoni għal din l-aggressjoni huwa xeħitlu ġebla u laqtu.

Il-fatt li Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet konflinġenti, ma jfissirx li l-Qorti għandha bil-fors tillibera. Kif ingħad fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deċiża fid-19 ta' Mejju 1997: *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one"*. F'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara:** jew il-Ġudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-Prosekuzzjoni ma jkunx ġie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti għandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verżjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-verżjoni li jaċċetta u jekk dik il-verżjoni tkun timpronta l-ħtija tal-imputat jew akkużat, allura jiddikjara tali ħtija u jgħaddi għall-piena jew għal xi provvediment ieħor.

L-istess linja ta' ħsieb ġiet espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** mogħtija fit-2 ta' Frar 2012:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qegħdin jagħtu verżjoni differenti minn oħrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi għax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li għandha twassal għal liberatorja. Fil-kawża **Pulizija vs. Joseph Thorn** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti f'każ ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji enunċjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal għal konklużjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."*[22]

Dak li trid tagħmel għalhekk din il-Qorti huwa li tevalwa ż-żewġ verżjonijiet u tara tistax tattribwixxi kredibbilita lil xi waħda miż-żewġ verżjonijiet mogħtija. Dan trid tagħmlu abbażi tal-provi prodotti.

---

[22] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013); **Il-Pulizija vs Raymond Cassar** (deciza fit-13 ta' Jannar 2016).

Minn eżami tal-atti proċesswali, il-Qorti hija konvinta li d-dinamika tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħet hekk kif indikat minn Justin Galea u mhux hekk kif indikat minn Joseph Hili u ibnu. Justin Galea mar fid-dura tal-ħabib tiegħu Joseph Bugeja. Meta kien fid-dura ta' Bugeja, Galea sema' l-għajjat tal-bird callers li kien ġej min-naħa tad-dura fejn Hili kienu qegħdin jonsbu. Huwa għaraf dan l-għajjat bħala li kien tiegħu għax kien hemm żmien fejn huwa kien jonsob ma' Hili. Galea ċempel lil Joseph Hili biex ikellmu dwar il-fatt li hu kien juża l-għanjiet tal-għasafar li kienu tiegħu. Din it-telefonata ma niżlitx tajjeb ma' Hili, partikolarment ma' iben Joseph Hili, preċiżament Herman Hili li instema' jgħid lil Galea li kien tiela' għalih. It-telefonata waqfet hemm. Justin Galea ma tħarrikx minn fejn kien. Pero mument wara Joseph u Herman Hili marru fid-dura ta' Joseph Bugeja meta kienu jafu li Justin Galea kien qiegħed hemm. L-inċident imbagħad eskala f'dan il-punt. Minkejja li Joseph Hili kien taħt ir-riħ ta' Galea, jidher li huwa ixxabbat mal-ħajt biex ikun jista' jilħaq lil Galea. Hili rnexxielu jagħti tlett (3) daqqiet lil Galea, bl-ewwel daqqa jolqot lil Galea f'għajnejh. Minkejja li Galea beda jgħidlu biex ma jerfax idejh, Joseph Hili reġa' fajjarlu daqqa oħra u laqtu n-naħa ta' fuq ta' imnieħru. Bit-tielet daqqa laqtu f'geddumu u waqqgħu. F'dak il-punt Galea qam, sab ġebla fuq il-ħajt u tefagħha fid-direzzjoni ta' Joseph Hili u laqtu f'wiċċu. Din id-daqqa ta' ġebla ikkaġunat feriti fuq wiċċ Joseph Hili u dan fil-fatt kellu jmur jimmedika ruħu l-Isptar. Qabel telqu minn fuq il-post, Herman Hili indirizza diskors lejn Galea fis-sens li kien se joqtlu dik il-lejla stess fid-dura.

Din il-Qorti waslet sabiex tattribwixxi kredibbilita lill-verżjoni ta' Justin Galea wara li qieset is-segwenti:

(1) fir-rapport inizjali li sar minn Joseph u Herman Hili, dawn fl-ebda ħin ma spjegaw li immmedjatament qabel ma seħħ l-inċident kien hemm diverbju bejn il-partijiet fuq l-għanjiet tal-bird callers u li kienu huma stess li telgħu fid-dura fejn kien jinsab Justin Galea. Infatti lill-Pulizija *a tempo vergine* jsemmulhom biss li Joseph Hili kien ġie aggredit minn Justin Galea. Ma jagħmlu l-ebda riferenza għat-retroxena dwar kif kien żviluppa l-inċident. Hili poġġew ir-rapport tagħhom b'mod li taw x'jifhmu li Joseph Hili kien ġie aggredit intortament minn Galea. Dan meta ma kienx il-każ;

(2) fix-xhieda li Joseph u Herman Hili taw quddiem din il-Qorti, huma insistew li kienu marru fejn id-dura fejn kien jinsab Justin Galea għaliex huma riedu jkellmu lil Joseph Bugeja, sid l-għalqa fejn kien jinsab Galea. Apparti li mhux ċar kif Hili kienu jafu li propju dak il-ħin Joseph Bugeja kien qiegħed l-għalqa, ir-raġuni għalfejn Hili riedu jkellmu lil Bugeja ma ħarġitx mill-provi prodotti. Bugeja żgur li ma kellux x'jaqsam mal-kwistjoni tal-bird-callers li kienu qegħdin jużaw Hili u li dwarhom Galea kien ċempel lil Joseph Hili. L-istess Hili lanqas ma jagħtu spjegazzjoni għalfejn riedu jmorru jkellmu lil Bugeja dak il-ħin meta huma stess jistqarru li kienu jafu li Justin Galea kien fejnu u kien għad kemm kellhom d-diverbju ma' Galea. Il-Qorti hija aktar propensa li temmen li mhux minnu li Hili riedu jkellmu lil Bugeja. Huma kienu konxji li Justin Galea kien qiegħed f'dik id-dura u kienu marru għalih biex jieħdu s-sodisfazzjon mingħand Galea dwar il-kwistjoni tal-bird callers. Jekk tabilħaqq huma riedu jkellmu lil Bugeja, is-sens komun jgħidlek li inti ma tmurx tipprova tkellmu x'ħin taf li fejnu hemm xi ħadd li miegħu għadu kemm kellek battibekk jaħraq!! Għall-Qorti dan huwa sinjal għalhekk li Hili kienu qegħdin ifittxu l-inkwiet;

(3) L-inkontru bejn Hili u Justin Galea ma kienx wieħed li seħħ b'kumbinazzjoni. Kienu Hili stess li imxew għalfejn kien qiegħed Galea. Kif ħareġ mill-atti u anke ġie konfermat waqt l-aċċess, kien hemm distanza konsiderevoli minn fejn kienu Hili għal fejn kien qiegħed Galea. Hili riedu jimxu tul ta' erba' għelieqi imdaqqsin sabiex jaslu għal fejn kien qiegħed Galea. Hija ċara għalhekk l-intenzjoni ta' Hili li jmorru fejn Galea. Għalkemm kienu qegħdin jonsbu, wara t-telefonata Hili immedjatament telqu l-insib u rħewlha fid-direzzjoni ta' Galea. Dan juri kemm Hili kienu imsaħħnin għal Galea. Infatti l-ġlieda ta' bejniethom seħħet minuti biss wara t-telefonata;

(4) Justin Galea kien dejjem koerenti fil-verżjoni li ta lill-Pulizija u dan sa mill-ewwel mument li huwa ġie interrogat fuq l-inċident. Il-Qorti eżaminat fid-dettal il-verżjoni inizjali li Galea ta lill-Pulizija, il-verżjoni li ta meta xehed quddiem din il-Qorti kif wkoll il-verżjoni li huwa reġa' ta waqt l-aċċess li inżamm. Il-Qorti tinnota kif Galea ma qagħadx jomogħda dwar kif seħħ l-inċident, ma ħebbiex fatti – sewwasew hekk kif għamlu Hili – u mill-ewwel ammetta mal-Pulizija l-fatt li huwa kien xeħet ġebla lil Joseph Hili wara li kien laqqat daqqiet mingħandu. Huwa imbagħad ma tefax aktar ġebel wara li ra lil wiċċ Hili bid-demm;

(5) Il-verżjoni ta' Justin Galea hija korraborata minn dak li xehed Joseph Bugeja li kien ma' Galea fejn seħħ l-inċident. Bugeja ikkonferma kif kienu Hili li wara t-telefonata marru biex jieħdu sodisfazzjon mingħand Galea. Bugeja fil-fatt ipprova jwaqqaf lil Herman Hili għax fi kliemu kien ċar li Joseph u Herman Hili kienu sejrin għall-ġlied. Bugeja ikkonferma wkoll kif Galea laqqat tlett (3) daqqiet, bl-aħħar waħda tkun l-aktar qawwija mit-

tlieta u li waslet lil Justin Galea biex jirritalja u jitfa' l-ġebla fid-direzzjoni ta' Joseph Hili u jolqtu;

(6) Rinfaċċjati bil-verżjoni ta' Bugeja, kemm Joseph Hili kif wkoll Herman Hili jistqarru li Bugeja qal ħafna gideb. Il-Qorti tinnota li meta Joseph Hili in kontro-eżami ġie mistoqsi biex jagħti xi eżempji dwar fejn Bugeja kien gideb, Hili ma kienx fil-posizzjoni li jindika dan u jwieġeb li ma setax jifatakar – juża l-kliem *"issa blenkjajt moħħi"*.[23] Il-Qorti tistenna li la darba Joseph Hili kien daqshekk ċert li Bugeja qal ħafna gideb, Hili kellu jindika dan il-gideb mingħajr l-ebda diffikulta. Il-fatt li m'għamilx hekk iqajjem dubju dwar il-veraċita tad-dikjarazzjonijiet magħmula mill-istess Joseph Hili u ibnu;

(7) Il-konfigurazzjoni dwar kif inhu l-ħajt min-naħa ta' fejn ġew Hili jagħmilha possibbli li wieħed jixxabbat mal-ħajt biex jilħaq lill-persuni li jkunu qegħdin fil-perimetru tal-kamra fejn seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Dan għaliex il-ħajt mhuwiex wieħed lixx iżda huwa mibni b'mod irregolari li jippermetti li wieħed jitla' mal-istess ħajt. L-ispjegazzjoni li jagħti Justin Galea li Joseph Hili effettivament tela' mal-ħajt, żamm ma serratizz li hemm u beda jagħti lil Galea hija kredibbli. Anke Bugeja inniffsu jikkonferma kif kemm Herman u anke Joseph bdew telgħin mal-ħajt u hu beda jimbottahom għal isfel;

(8) Għalkemm Herman u Joseph Hili jiċħdu kategorikament li f'xi ħin Joseph Hili ġie f'kuntatt ma' Justin Galea, l-istess Hili pero ma jagħtu l-ebda spjegazzjoni dwar kif Justin Galea spiċċa b'uġiegħ f'wiċċu u anke ġie

[23] Fol. 137 tal-proċess.

rilaxxat ċertifikat mediku li jikkonferma dan, dakinhar stess li seħħ l-inċident. L-uġiegħ li kien qed jilmenta minnu Galea kien propju fl-istess partijiet ta' wiċċu fejn huwa kien indika li laqqat id-daqqiet minn Joseph Hili;

(9) Wieħed wkoll ma jifhimx għalfejn Hili minkejja li rriżulta li għandhom CCTV cameras mal-għalqa tagħhom u li possibilment setgħu rrekordjaw l-akkadut, għażlu li ma jindikawx dan il-fatt hekk importanti lill-Pulizija. Din il-Qorti tqis li jekk verament Hili ma kellhomx x'jaħbu dwar dak li kien seħħ, ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn huma ma kellhomx jagħtu din l-informazzjoni mill-ewwel lill-Pulizija, aktar u aktar meta kienu huma stess li ġrew lejn l-Għassa biex isir ir-rapport.

Huwa għalhekk li l-Qorti qiegħda tqis il-verżjoni mogħtija minn Justin Galea bħala aktar kredibbli u verosimili minn dik mogħtija minn Joseph u Herman Hili.

Il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex teżamina jekk fid-dawl tal-provi prodotti u fid-dawl tad-dinaminka kif seħħ l-inċident jistax jingħad li l-imputazzjonijiet miġjuba ġewx pruvati.

## I. <u>L-Ewwel Imputazzjoni – Artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9</u>

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Joseph Pace</u>**,[24] il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet spjegat li:

[24] Deċiża fid-9 ta' Mejju 1997.

*"Din il-kontravvenzjoni kontra l-persuna sseħħ meta persuna tħebb kontra persuna oħra sabiex tinġurja, iddejjaq jew tagħmel ħsara lil dik il-persuna l-oħra jew lil ħaddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali. Biex persuna tħebb kontra persuna oħra ma hemmx għalfejn li effettivament ikun hemm kuntatt fiżiku; biżżejjed li jkun hemm il-potenzjalita` ta' tali kuntatt permezz tal-manifestazzjoni ta' forza fizika indirizzata lejn dik il-persuna oħra. Forsi t-test Ingliz ta' din il-kontravvenzjoni jiddeskrivi aħjar il-kunċett ta' 'ħebb': '… attempts to use force against any person with intent to insult, annoy or hurt such person or others …' Jekk ikun hemm kuntatt fiżiku multo magis wieħed jista' jgħid li wieħed ħebb għal persuna oħra, sakemm il-fatt ma jammontax għal xi reat ieħor jew reat aktar gravi"*[25]

Issir riferenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Omissis*** fejn ġie enfasizzat illi:

*"Sabiex din l-akkuża tirriżulta ma hemmx bżonn li l-akkużat jikkaġuna feriti iżda anke s-sempliċi attentat ta' kaġunar ta' ferita jammontaw ghal dan ir-reat."*[26]

---

[25] Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Caven Cutajar** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Settembru 2020 kif wkoll **Il-Pulizija vs David Farrugia** deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Jannar 2022.

[26] Ara wkoll **Il-Pulizija vs Lawrence Gerada**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, nhar is-16 ta' April 2021; **Il-Pulizija vs Harold Gerada**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-16 ta' April 2021.

Mix-xhieda ta' Justin Galea u anke ta' Joseph Bugeja jirriżulta kif kien hemm kuntatt fiżiku bejn Galea u Joseph Hili. Infatti kif ġia sottolineat aktar qabel f'din is-sentenza, Joseph Hili ta tlett (3) daqqiet lil Galea li imbagħad wasslu sabiex Galea tefa' ġebla fid-direzzjoni ta' Joseph Hili u laqtu. La darba għalhekk kien hemm kuntatt fiżiku bejn it-tnejn, din l-imputazzjoni tirriżulta b'mod awtomatiku.

## II. It-Tieni Imputazzjoni – Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9

Rigward it-tieni imputazzjoni, din tirriżulta minn dak li Joseph Hili stqarr mal-Pulizija waqt li kien qed jagħti l-verżjoni tiegħu tal-akkadut. Dan wara li l-Pulizija kienu reġgħu bagħtu għalih fuq dak li kien stqarr magħhom Justin Galea. Joseph Hili jammetti mal-Pulizija kif hu kien għajjar lil Galea, għalkemm ma joqgħodx jidħol fid-dettal ta' dak li huwa kien qal lil Galea.[27]

## III. It-Tielet Imputazzjoni – Artikolu 339(1)(b) tal-Kap. 9

Rigward it-tielet imputazzjoni jirriżulta miċ-ċertifikat mediku esebit u ikkonfermat bil-ġurament minn Dr Anora Khan li Justin Galea soffra feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna tiegħu. Dawn ġew kaġunati bid-daqqiet li Joseph Hili ta lill-istess Galea. L-uġiegħ li Dr Khan irrapportat fiċ-ċertifikat mediku tagħha jikkombaċja perfettament ma' fejn Justin Galea indika lill-Pulizija (waqt l-interrogazzjoni tiegħu) li kien qala' d-daqqiet mingħand Joseph Hili. Kif ġia spjegat fid-dettal, il-Qorti m'għandhiex raġuni għalfejn tiddubita l-verżjoni mogħtija minn Justin Galea dwar kif verament svolġew

[27] Fol. 28 tal-proċess.

l-affarijiet. Il-Qorti għalhekk m'għandhix dubju li din l-imputazzjoni ġiet pruvata wkoll. Il-fatt li qiegħda tinstab ħtija f'din l-imputazzjoni, b'mod awtomatiku l-ewwel (1) imputazzjoni sejra tiġi assorbita fiha.

## E. **<u>Piena</u>**

Għar-rigward il-piena, jingħad li għalkemm sejra tinstab ħtija għall-imputazzjonijiet kollha, il-piena għall-ewwel (1) u għat-tieni (2) imputazzjoni sejra tiġi assorbita fil-piena li sejra tingħata għat-tielet imputazzjoni (3). Dan għaliex it-tielet (3) imputazzjoni hija delitt filwaqt li l-imputazzjonijiet l-oħra li huma kontravvenzjonijiet. Dan in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 17(d) tal-Kap. 9.

## F. **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(d), 221(1), 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta **<u>qiegħda issib lill-akkużat Joseph Hili ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu</u>** u qiegħda tikkundannah għall-ħlas ta' **<u>multa ta' sitt mitt ewro (€ 600)</u>**.

Wara li rat l-artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u peress li jeżistu r-raġunijiet indikati fl-artikolu 412C(1) tal-Kap. 9, il-Qorti qed toħroġ ordni ta' trażżin fil-konfront tal-ħati u dan sabiex tipprovdi għas-sigurta tal-vittma Justin Galea. L-ordni qed tiġi magħmula għal żmien tlett (3) snin mil-lum taħt il-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni mogħtija kontestwalment

ma’ din is-sentenza. Il-Qorti fehmet lill-ħati bil-konsegwenzi li jistgħu jirriżultaw jekk huwa jikser tali ordni tat-trażżin.

(ft) Dr. Jean Paul Grech

Maġistrat

(ft) Diane Farrugia

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Ghar-Reġistratur